

**Talbiet tar-rikorrenzi**

- tikkonstata li, billi m'adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2005/68/KE <sup>(1)</sup> tal-Parlament Ewropew, tas-16 ta' Novembru 2005, dwar ir-riassigurazzjoni u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 92/49/KEE kif ukoll id-Direttivi 98/78/KE u 2002/83/KE, jew, fi kwalunkwe każ, billi ma nnotifikathomx lill-Kummissjoni, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva;
- tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu għat-traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali tad-Direttiva 2005/68/KE, tas-16 ta' Novembru 2005, skada fl-10 ta' Diċembru 2007.

<sup>(1)</sup> ĠU L 323 9.12.2005, p. 1.

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Jannar 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Portugiża**

(Kawża C-10/09)

(2009/C 55/33)

Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż

**Partijiet**

*Rikorrenzi:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: C. Cattabriga u M. Teles Romão, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Portugiża

**Talbiet**

- tiddikjara li, billi ma adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex timplimenta d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/86/KE <sup>(1)</sup> tal-24 ta' Ottubru 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kondizzjonijiet tar-rintraċċabbiltà, notifikazzjoni dwar rejazzjonijiet u avvenimenti ta' ħsara serja u ċerti kondizzjonijiet tekniċi għall-ikkowdjar, l-ipproċessar, il-preżervazzjoni, il-ħażna u d-distribuzzjoni ta' tessuti u ċelluli umani u, f'kull każ, billi ma kkomunikatx id-dispożizzjonijiet inkwistjoni lill-Kummissjoni, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva;
- tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-direttiva skada fl-1 ta' Settembru 2007.

<sup>(1)</sup> ĠU L 294, p. 32.

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Jannar 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Portugiża**

(Kawża C-11/09)

(2009/C 55/34)

Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż

**Partijiet**

*Rikorrenzi:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: C. Cattabriga u M. Teles Romão, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Portugiża

**Talbiet**

- tiddikjara li, billi ma adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex timplimenta d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/17/KE <sup>(1)</sup> tat-8 ta' Frar 2006, li timplimenta d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/23/KE rigward ċerti rekwiżiti tekniċi għad-donazzjoni, għall-ksib u għall-ittejtjar tat-tessuti u taċ-ċelluli umani u, f'kull każ, billi ma kkomunikatx id-dispożizzjonijiet inkwistjoni lill-Kummissjoni, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva;
- tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-direttiva skada fl-1 ta' Novembru 2006.

<sup>(1)</sup> ĠU L 38, p. 40.